*-limiti tal-ammissibilita` ta' provi u sentenza penali in sede ċivili*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rikors Nru. 103/2011GM**

**JOHN BONNIĊI**

**(I.D. 578448M)**

**vs**

**RICHARD VELLA**

**(I.D. 200773M)**

**ILLUM, 4 TA' LULJU 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' John Bonniċi ppreżentat fl-4 ta' Frar 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab lil din il-Qorti:

(a) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut ikkawża danni lill-attur billi kkaġunalu diżabilita` permanenti fuq il-persuna tiegħu.

(b) tillikwida d-danni hekk sofferti. Okkorrendo bl-opera ta' perit/i mediku/iċi nominandi, u

(ċ) tikkundanna lill-istess konvenut tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut imħarrek fit-28 ta' Frar 2011 fejn laqa' għat-talbiet attriċi billi stqarr illi m'huwa responsabbli għal ebda danni kif qed jiġi pretiż mill-attur stante illi huma ma kkaġuna l-ebda feriti lill-attur li jistgħu iħallu debilita permanenti u mingħajr preġudizzju l-attur ma sofra l-ebda danni kif qed jiġi allegat u konsegwentament l-esponenti m'għandu jħallas ebda danni kif qed jiġi mitlub;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tal-15 ta' Marzu 2011 fejn ħatret lil Mr Charles Grixti bħala espert mediku;

Rat il-proċess u s-sentenza in sede penali esibita mill-konvenut;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-attur u t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat difensur tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**

Il-Kwistjoni bejn il-partijiet

Illi mill atti tal-kawża jidher illi l-kontendenti kellhom xi jgħidu ġewwa il-każin Laburista ta' Ħ'Attard fejn l-attur jallega illi l-konvenut għall-għarrieda mar fuqu u beda kwistjoni minn jeddu u spiċċa mbuttah minn fuq il-banketta tal-bar, b'konsegwenza illi ġie fuq idu ix-xellugija u ssubixxa ksur f'wieħed mis-swaba tant li għandu diżabilita` permanenti. Min-naħa l-oħra, l-konvenut jgħid illi huwa qatt ma mess lil attur u lanqas refa' jdejh fuqu, u li l-attur weġġa' waqt li ħa rankatura biex jerġa' jidħol fil-każin, ħabat mal-bieb tal-istess każin u hemm weġġa' lilu nnifsu;

Illi l-kontendenti jafu lil xulxin peress li t-tnejn li huma b'xi mod kienu nvoluti fil-każin in kwistjoni. Richard Vella kien jiġġestixxi l-bar tal-istess każin għal xi żmien meta l-attur kien President tal-Kumitat tal-każin. Illi jirriżulta li kien hemm perjodu fejn il-partijiet ma kellhomx relazzjoni tajba bejniethom. Dan għaliex ftit wara ili l-bar tal-każin ġie f'idejn il-konvenut, it-tifla tal-attur fetħet restaurant fil-viċinanzi tal-każin u l-attur pretenda illi ma jissajjarx ikel fil-każin. Il-konvenut kien ħadha bi kbira illi wara li kien investa tant flus, irċieva ordni biex ma jippreparax ikel;

Illi apparti minn hekk, il-Kumitat tal-każin ippresedut mill-attur unanimament kien iddeċida illi jwaqqfu milli jibqa' fil-bar peress li l-istess Richard Vella ma kienx qed iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif ukoll peress li huwa kien qed iżomm il-ħlas tas-sħubija li kienu jitħallsu mill-membri tal-każin lilu u ma kienx qiegħed jgħaddihom lill-Kumitat. Bħala kumitat kienu wissew lil Richard Vella sabiex ma jibqax jidħol il-każin peress li huwa kien qed jaqla' xi argumenti u saħansitra kien hemm drabi li kien hemm bżonn l-intervent tal-Pulizija.[1] Wara tali diżgwid, l-istess kumitat xorta kien appunta lill-konvenut bħala direttur tal-każin. Meta seħħ l-inċident, il-konvenut ma kienx għadu jiġġestixxi l-bar tal-istess każin iżda filgħaxijiet kien imur jixrob hemm. L-attur ukoll kien jiffrekwenta l-istess każin;

Provi u Riżultanzi

(i) Provi mressqa mill-attur:

Illi l-verżjoni tal-attur **John Bonniċi** hija illi dakinhar tal-inċident kien mar il-każin għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħaxija u kien qed jieħu *drink* mal-bar. Biex jiċċajta

[1] Dok A a fol 29 u Fol 33.

għarraf lil ta madwaru illi kien rebaħ is-Super 5 u Richard Vella ħadlu l-biljett biex jivverifika u infurmah li tlett numri biss kienu telgħu. Sa dak il-ħin kollox kien trankwill u l-attur jgħid li kien qed jiċċajtha ma' ħbiebu. Ftit wara xħin kien bit-tazza tad-*drink* f'idu, Richard Vella talbu jneħħi t-tazza minn idu għax it-tazza kienet qed iddejjqu f'idejn l-attur. Konsegwentament l-attur xorob id-*drink* u telaq għax kellu xi qadja. Wara xi siegħa u nofs reġa' mar il-każin u Richard Vella kien għadu hemm. Kif kien qed jixrob, Richard Vella dar fuqu mingħajr ma kien qed ikellmu u staqsih għalfejn kien qed jgħid kontra il-President tal-Każin u ċjoe` s-Sinjura Simone Buhaġiar. L-attur innega li kien qal xi ħaġa kontra Simone Buhaġiar u f'dan l-istadju Richard Vella qabad il-mobajl, ċempel lil Buhagiar u għaddielu l-mobajl sabiex ikellimha. Waqt li kien qed ikellimha, Bonniċi jgħid illi Richard Vella ħadlu l-mobajl minn idu, tah daqqa fuq sidru u tefgħu għal tulu mal-art bil-konsegwenza li idu x-xellugija ġiet taħtu u dak il-ħin beda jgħajjat bl-uġigħ. Xi ħadd mar iqajjmu mill-art u ħareġ barra mill-każin biex imur lejn id-dar u sab lil Richard Vella wara l-bieb tal-każin fuq barra. L-attur qallu biex iħallih bi kwietu u staqasih għaliex imqabbad miegħu. Imbgħad jgħid illi Vella ħebb għalih u huwa prova jiddefendi ruħu kif seta' u kellhom jifirduhom in-nies preżenti. L-attur jgħid illi baqa' muġugħ u meta mar ġewwa ċ-Ċentru tas-saħħa bagħtuh l-isptar u ġie operat diversi drabi minħabba li kellu ksur f'wieħed minn subgħajh tax-xellug;

Illi f'din il-kawża, l-attur għażel li jħarrek bħala xhieda tiegħu lil diversi membri tal-Kumitat fejn tefgħu dawl fuq ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti u jgħidu illi l-konvenut kemm-il darba kellu xi jgħid ma' diversi membri tal-kumitat u dan prinċipalment għaliex bhala kumitat kienu jitolbuh sabiex iħallas dak dovut u hawn kien ikun arroganti tant illi kemm-il darba insulentahom. Is-segretarju tal-kumitat **Victor Mamo** jixhed illi l-konvenut kien bħal ossessjonat u rrabjat għal John

Bonniċi u kien jara li kien imqabbad miegħu tant illi kien jara kif jagħmel u jaqla' l-inkwiet bi provokażżjoni lejn John Bonniċi. Darba l-konvenut stiednu sabiex jixtru pizza *take away* u jiekluha fejn l-imwejjed tar-restorant tat-tifla ta' John Bonniċi. Jkompli jixhed illi Richard Vella ma kienx jiflaħ jara lil John Bonniċi u ta' spiss kien jara kif ser jagħmel il-ħsara lilu u lil familja tiegħu;

Illi bint l-attur **Daniela Borg Ferranti** tixhed ukoll u tgħid illi hija tiġġestixxi restorant ġewwa H'Attard stess u li l-konvenut kien imur quddiem ir-restorant tagħha u jieqaf iħares lejh bħala provokażżjoni u ġieli meta kien jara lil attur kien jibda jgħajjat sabiex u jistiednu għall-ġlied meta l-ħanut kien ikun mimli bin-nies. Darba minnhom daħal ġol-ħanut ifittex lill-attur iżda ma kienx hemm u wara li ma sabux ordna x'jixrob u lit-tifla tal-attur beda jgħidilha '*ser noqtollok lil missierek*' u li '*ser nagħmillu bomba wara l-bieb tad-dar*' u li kien se jaħarqilha l-ħanut.[2] Kompla jgħidilha li kien se joqtlilha lil żewġha u xħin induna li kienet waħidha fil-ħanut għajr għal-*waitress* barranija li ma tifhimx bil-Malti aktar kompla. Kienet għamlet rapport mal-Pulizija iżda ma kinitx mexxiet għaliex iddejqet titla' l-Qorti iżda kienu widdbuh il-Pulizija;

(ii) Provi mressqa mill-konvenut:

Illi l-konvenut ippreżenta in atti kopja tal-proċess penali fl-ismijiet il-Pulizija vs Richard Vella (kumpilazzjoni 474/2010) peress li kien hemm kompilati bil-ġurament il-provi kollha li kellu x'iressaq, u straħ fuqhom;

---

[2] Fol 39.

Illi skond ir-**rapport tal-Pulizja** li ġie magħmul mill-*barman* li kien preżenti dak inhar li seħħ l-inċident, Patrick Sammut, *a tempo vergine* irraporta illi John Bonniċi wara li kien telaq mill-każin irritorna wara xi siegħa u nofs u deher li kien xurban. Meta Richard Vella qallu li jkun aħjar li jitlaq mill-każin peress li kien xurban, John Bonniċi telaq 'il barra u hekk kif Vella mar biex jagħlaq il-bieb, Bonniċi mar b'ġirja, ta' daqqa ta' sieq u baqa' dieħel ġewwa b'kollox. Hawn beda jallega li kienu sawtuh u f'dak il-ħin il-*barman* Sammut qalilhom biex jitilqu 'l barra t-tnejn li huma. Kif kienu barra, Bonniċi beda joffendi lill Vella u f'daqqa waħda ħebb għalih u giriflu wiċċu. Il-Pulizija niżżlet ukoll il-verżjoni tal-konvenut fir-rapport fejn kien stqarr li kif ra lil Bonniċi dieħel il-każin xurban u kien jaf li l-ġurnata ta' qabel kellu argument ma tal-bar, qallu biex imur lejn id-dar u rnexxielu joħorġu 'l barra bil-kwiet iżda kif kien qed jagħlaq il-bieb biex ma jerġax jidħol ġewwa l-każin, John Bonniċi ta' ġirja u ipprova jiftaħ il-bieb b'daqqa ta' sieq u baqa' dieħel u waqa' mal-art. F'dan il-ħin, Bonniċi beda jallega li kienu sawwtuh u il-*barman* qalilhom biex joħorġu 'l barra iżda Bonniċi beda joffendih, mar fuqu, ħataflu wiċċu, qattalu l-flokk, u meta mar il-poliklinika ġie ċċertifikat li kellu ġrieħi ħfief;

Illi *a tempo vergine*, l-**attur** iddikjara illi huwa kien qed jixrob il-każin mal-konvenut u wara xi kwarta inqala' argument bejniethom u x'ħin kellu l-mobajl ta' Vella f'idejh, dan qabdu u ħadu u xħin qam biex jitlaq 'il barra Vella ħebb għalih u waddbu mal-art u beda jagħtih. F'dan il-ħin ċertu Jimmy Fsadni mar biex iqajjmu minn mal-art. Il-*barman* keċċihom 'il barra u hemm Vella reġa' ħebb għalih. Ipproduċa ċertifikat mediku lill-Pulizija fejn ġie ddikjarat li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa. Wara pproduċa ċertifikat mediku ieħor fejn ġie dikjarat illi kellu ġrieħi ta' natura gravi;

Illi l-pulizija niżżlet fir-rapport illi meta **John Mary Fsadi** ġie mistoqsi x'kien ġara jgħid illi ma jafx fuq xhiex kien l-argument pero` meta ra lil Bonniċi mal-art huwa mar jagħtih l-għajnuna. Mistoqsi jekk rax lil xi ħadd isawwtu meta kien mal-art huwa wieġeb li ma jafx u li wara li ħarġu 'l barra ma jafx x'ġara;

Illi **Patrick Sammut**, li kien il-*barman* dak inhar jixhed waqt il-proċeduri kriminali illi jiftakar li kien mar John Bonniċi l-każin u kellu xi diżgwid ma' klijent ieħor iżda mbagħad telaq għax qallu li kellu jiltaqa' ma xi ħadd. Imbagħad ġie Richard Vella. Wara xi siegħa u nofs, Bonniċi ċempillu u apparti li kellmu fuq affarijiet oħra, qallu li kien rieġa sejjer il-każin  biex jieħu *drink*. Peress li kien hemm Richard Vella hemm u li l-kumitat kien ordna li dawn it-tnejn ma jiltaqgħux, u ma xtaqx li jkun hemm inkwiet peress illi dawk kien ilhom bit-tiketta, kien qallu biex aħjar iħalliha u jmur l'għada. Iżda wara xi għoxrin minuta l-attur wasal il-każin. Għall-bidu Bonniċi u Vella bdew jiċċajtaw fuq xi numri tas-super 5. Imbagħad Bonniċi kien bit-tazza f'idu u Vella qallu sabiex ineħħi it-tazza minn ma' wiċċu għal diversi drabi u kif kienu qed jitkellmu, Vella qallu sabiex ma jgħaddix kummenti dispjeġġattivi fuq il-President tal-każin u hemm hekk beda jqum battibekk. Kienet qisha ser tisħon is-sitwazzjoni. Bonniċi kien se jordna *drink* ieħor u Vella qallu li aħjar ma jixorbux aktar u jkun aħjar li jinġabru biex ma jinqalax inkwiet fil-każin u bdew mexjin 'il barra wieħed wara l-ieħor. Huma u ħerġin, il-*barman* talab lil Vella sabiex jagħlaqlu l-bieb ta' barra għax irraġuna illi aħjar jagħlaq milli jinqala' l-inkwiet. Meta waslu mal-bieb illatikaw fuq xi kliem dispreġġattiv li kien qal Bonniċi fuq il-President tal-Każin il-ġurnata ta' qabel u ra lil Bonniċi jerġa' jipprova jidħol ġol-każin. Semagħhom jillatikaw minn ġol-bar, dak il-ħin kien qed jaħsel it-tazzi u minn hemm ma kellux viżwal tal-bieb ta' barra. Sema' ħoss u mar jara x'ġara u jsib lil John Bonniċi mal-art li beda jżomm rasu u beda jgħid li qed isawwtuh iżda ħadd ma kien

qed isawwtu, għenu jqum u sadanittant Richard Vella telaq 'il barra mill-każin u mar ġol-ġnien li jinsab faċċata tal-każin. Sammut wassal lil Bonniċi ħdejn il-karozza u kif se jdaħħal iċ-ċavetta beda joffendi lil Vella avolja prova jsikktu. Bonniċi warrab lil Sammut minn quddiemu, mar iħebb għal Vella u ġew fl-idejn. Ippruvaw jifirduhom iżda ma rnexxilhomx u ħin minnhom, Bonniċi waqa' mal-art u b'xi mod irnexxilhom iwasslu lil Bonniċi fejn il-karozza tiegħu u kulħadd mar għal triqtu;

Illi **Richard Vella** jixhed illi kienu qed jieħu *drink* flimkien mal-attur u kienu qed jiċċekkjaw in-numri tas-super 5. Bonniċi kellu battibekk ma' persuna oħra fil-bar u Vella pprova jsikktu. Bonniċi mbagħad poġġa it-tazza tiegħu ma' wiċċ Vella u bdew jargumentaw dwar il-President tal-każin u hemmhekk Vella ċempel lill-President u spiċċat il-konversazzjoni. Vella rnexxielu joħroġ lil Bonniċi bil-kwiet. Waqt li kien qed jagħlaq il-bieb, kien għadu ma niżżilx il-firroll, Bonniċi ġie b'ġirja u bid-daqqa tefa' l-bieb ġewwa u hu u dieħel ħabat mal-bieba tax-xellug tal-antiporta u waqa' mal-art. Hu jemmen li subajh weġġgħu dak il-ħin. Bonniċi beda jgħajjat biex ma jsawwtuħx imma dak il-ħin ħadd ma kien qed isawwtu. Il-*barman* Sammut mar jgħinu jqum. Sadanittant Vella mar fil-ġnien faċċata tal-każin biex żgur ma jwaħħalx fih illi pprova jiġġieled miegħu jew isawwtu. Jgħid li Bonniċi xħin ħareġ barra beda joffendih u hu offendih lura u dak il-ħin, Bonniċi ħebb għalih, qattalu l-flokk u għamillu xi feriti fuq wiċċu. Il-*barman* ipprova jifridhom u Bonniċi u Sammut waqgħu mal-art. Vella jgħid illi l-attur seta' weġġa' subajh dak il-ħin ukoll;

Illi Simone Buhaġiar xehedet fil-proċeduri kriminali u tgħid illi dak inhar tal-inċident hija ma kinitx preżenti ġewwa l-każin iżda kien ċemplilha Richard Vella, John Bonniċi ħataf il-mobajl tiegħu u beda jkellimha u kien jinstema' fi stat ta' sokor għax beda jirrepeti l-istess ħaġa u qal ħafna paroli u għalqu l-konversazzjoni billi

fthemu li kien se jmur filgħodu jkellimha. Ix-xhud żiedet tgħid illi John Bonniċi reġa' mar il-Każin f'Diċembru 2009 fejn qalilha li kien se jkisser kull m'hemm u beda jagħti mal-ħajt meta suppost kien b'subgħajh miksura u kienet infurmat lil Pulizija b' dan l-inċident[3];

Evaluwazzjoni tal-provi

- l-attur naqas li jġib l-aħjar prova:

Illi l-Qorti tinsab rinfaċċata b'żewġt verżjonijiet tal-fatti għal kollox konflinġenti dwar dak li seħħ fil-każin Laburista ta' H'Attard dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2009. L-attur qed jallega li li huwa sofra ksur f'subgħajh meta l-konvenut waqqgħu mal-art filwaqt li l-konvenut isostni li kien John Bonniċi stess li weġġa' lilu nnifsu meta daħal jiġri għal fuq il-bieb tal-każin, ħabat mal-antiporta u spiċċa mal-art;

Illi rinfaċċjata b'dawn iż-żewġ versjonijiet totalment kontraposti għal xulxin, il-Qorti trid ta' bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal pereżempju l-konsistenza fix-xhieda, il-verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi minn terzi persuni u anki l-preponderanza tal-probabbiltajiet li jistgħu inisslu ċertezza morali fil-ġudikant. F'dan it-tip ta' inċidenti l-verita` għandha tkun riċerkata fil-valutazzjoni tal-isfond kollu taċ-ċirkostanzi anteċedenti u konkomitanti li mbagħad iservu għall-apprezzament ġust tax-xhiediet singoli;

Illi f'dan il-każ, hemm fattur ieħor li l-Qorti sejra tieħu qis tiegħu.  L-attur f'din il-kawża  ħela ħafna enerġija jipproduċi xhieda tar-relazzjoni ħażina li kellu mal-

[3] Fol 93.

konvenut iżda mbagħad ma pproduċa l-ebda xhud okulari tal-inċident innifsu. L-attur ma ġabx l-aħjar prova disponibbli għalih, kif inhu tenut jagħmel skond il-liġi proċedurali. U għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni l-għala temmen il-verżjoni tiegħu pjuttost milli dik tal-konvenut. Dan in-nuqqas tal-attur iwassal lil din il-Qorti biex tislet l-inferenza li l-attur beża' minn dak li preżumibilment kienu sejrin jiddeponu dawn il-persuni. Il-Qorti tista' tieqaf hawn. Il-piż tal-prova tad-dinamika tal-inċident huwa fuq l-attur u mhux fuq il-konvenut. Dan tal-aħħar ma kellu għalfejn iressaq l-ebda prova; għaliex l-attur naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu.

- provi tal-konvenut:

- ammissibilita` ta' proċess u sentenza penali bħala prova:

Illi b'danakollu, l-konvenut ma qagħadx passiv għal kollox għaliex esebixxa bħala prova l-proċess u sentenza penali relatati għall-inċident fejn huwa ġie liberat. Iqum hawnhekk il-kweżit jekk dak li seħħ in sede penali jiswiex bħala prova quddiem din il-Qorti. F'dan ir-rigward, jinstab riċevut mil-liġi u l-ġurisprudenza tagħna li skont il-liġi kriminali (art. 6 Kap 9) "L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra". Għalhekk in sede ċivili l-proċediment isir *ex integro* indipendentement minn kwalunkwe sentenza kriminali[4];

Illi b'danakollu dan ma jfissirx illi l-proċeduri penali u ċivili huma miftumin għal kollox minn xulxin billi:

---

[4] Grima v Camilleri Prim'Awla, Kollez. Vol II.213; Onor. Paul Boffa nomine et-vs- Paul Zammit, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 06.02.1950.

(a) "dan id-divjet huwa applikabbli fil-każ ta' provi testimonjali li ma jkunux ġew riprodotti fil-kawża ċivili[5] b'mod illi, jekk dawn il-provi jerġgħu jinġiebu fil-proċeduri ċivili… xejn m'għandu jimpedixxi lill-Qorti Ċivili li, għall-fini tal-konfront u tal-attendibilita` ta' dawk il-provi, tagħmel użu anki mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali… xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, għall-fini tal-attendibilita` tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja".[6]

(b) skont l-Artiklu 627(ċ) tal-Kapitolu 12 l-atti u r-reġistri tal-qrati ta' ġustizzja huma ammissibbli bi prova *ex facie* – kompriż allura sentenza mogħtija minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[7]. "Ma jidhirx fil-liġi li hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti"[8];

"Naturalment il-ġudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss waħda mill-provi pero` hi prova importanti anke għaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi loġikament rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal- Kapitolu 12);

"Difatti bhala proposizzjoni dottrinali rakkolta mil-**Laurent**, *"si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in proċedimento penale*" (**Carmelo Xuereb et -vs- Giovanni**

---

[5] XXVI.i.885; XXIX.i.811

[6] Carmelo Camilleri v Gejtu Cassar 01.12.1955 Prim'Awla per Onor Imħ. Alberto Magri XXXIX.ii.768 iċċitata minn Joseph Cassar v Lawrence Castagna 07.02.2007 Qorti tal-Appell (Inferjuri) u minn Carmela Cassar v Prim Ministru 03.07.2007 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri per Onor. Imħ. Anthony Ellul

[7] ara, ukoll, deċiżjoni tal-Prim' Awla, Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet "**Carmelo Camilleri -vs- Gejtu Cassar**

[8] Paolo Abela -vs- Antonio Bonnici et noe, Prim' Awla, 23 ta' Jannar 1958

**Micallef et**, Appell Ċivili, 26 ta' Novembru 1923"[9];

"Għal kull *buon fini* jingħad li dina l-Qorti, fil-kawża **Carbonara vs Ryan,** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2004, osservat li ma hemm xejn hazin li ġudikant f'proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi migbura fi proċediment kriminali, u fil-fatt jingħad ukoll li fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawza ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (Vol. XXV.i.689; Vol. XXXIX.ii.768). "Ovvjament, minħabba l-indipendenza ta' l-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, il-ġudizzju *in sede* penale jikkostitwixxi biss waħda mill-provi li l-Qorti Ċivili trid tieħu in konsiderazzjoni (ara wkoll **Xuereb vs Micallef**, **a mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru, 1923, Abela vs Bonnici, deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 1958, u Briffa** vs Abela, deċiża wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003)"[10];

(ċ) skont l-Artikolu 632 (1) tal-Kap 12 "kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti, kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbliġi, jistgħu jingiebu bi prova". Kif spjegat minn din il-Qorti fid-deċiżjoni **Joseph Manche -vs- Mary Butler et**, 11 ta' Mejju, 1957, "anke f'dan il-każ il-verbal ta' l-ammissjoni ta' l-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sede kriminali estendibbli għall-ġudizzju ċivili, imma bhala konfessjoni. Dan bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bhala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band'oħra, jew anki konfessjoni verbali";

(d) ir-riferenza għall-atti in sede penali tista' ssir bil-kunsens tal-partijiet[11];

---

[9] Anthony Briffa v Vincent Oliver Abela 28.03.2003 Prim'Awla per Onor. Imħ Philip Sciberras

[10] Raymond Caruana v Ministru tal-Ambjent Prim'awla 07.07.2004 per Onor. Imħ Tonio Mallia

[11] Camilleri v Cassar suċċitata

Illi huwa minnu li din il-Qorti ma ntalbitx formalment li l-proċess u sentenza in sede penali jifformaw parti mill-provi ta' dan il-proċess. L-attur min-naħa l-oħra qatt m'oġġezzjona għall-esibizzjoni tagħhom u għalhekk jirriżulta li kien hemm l-aċċettazzjoni taċita tiegħu li jiġu ammessi bħala prova. Kif inhuwa magħruf, min iħalli inċidenti proċedurali għaddejjin mingħajr ma jipprotesta jista' fiċ-ċirkostanzi kongruwi jitqies li jkun aċċettahom;

- Evaluwazzjoni tal-provi fil-proċess kriminali fil-każ *de quo*:

Illi wara illi din il-Qorti eżaminat ix-xhieda ta' Simone Buhaġiar u ta' Patrick Sammut jidher illi l-verżjonijiet mogħtija minnhom jikkoroboraw il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenut u tinsab konvinta illi l-verzjoni tal-konvenut hija aktar verosimili minn dik tal-attur. Jidher illi l-attur kien fi stat ta' sokor u m'għandux stampa ċara ta' kif ġara eżatt l-akkadut. Filfatt meta il-konvenut ċempel ili Simone Buhagiar, din tixhed illi l-konversazzjoni ingħalqet mill-attur wara li ftehmu li kellhom jiltaqgħu l-għada; mentri l-attur jinsisti illi waqt li kien qed ikellimha, 'dan Richard Vella ġie bħal sajjetta fuqi qabad u tefagħni mal-art bil-konsegwenza jiena li ġarrabt ġrieħi ta' natura gravi";

Illi jidher għalhekk illi teżisti diverġenza bejn dak li xehed l-attur u dak li xehedet Buhagiar. Li kieku l-konvenut aggredih waqt li kien fuq il-linja ma' Buhagiar, żgur li ma kellux ħin jifthiem magħha biex jiltaqgħu. Apparti minn hekk Sammut qatt ma semma' fix-xhieda tiegħu illi l-attur ġie aggredit mil-konvenut waqt li kien fuq il-linja ma' Buhagiar. Sammut spjega ukoll illi kien l-konvenut li stieden lill-attur sabiex jinġabru u ma jkomplux jixorbu u li kienu mexjin wara xulxin għall-bieb ta' barra;

Illi jidher illi għall-inċident in kwistjoni kienu preżenti, l-attur, il-konvenut, il-*barman* Patrick Sammut u Jimmy Fsadni. Dan tal-aħħar xehed illi tant kien xurban illi ma jiftakarx x'ġara u għalhekk ma jistax jitfa' dawl fuq l-akkadut. L-attur ma tellax lil Patrick Sammut bħala xhud tiegħu, għalkemm kien l-unika persuna illi seta jitfa' dawl fuq x'verament ġara; iżda biex isaħħaħ l-verżjoni tiegħu, għażel li jressaq provi dwar il-bosta episodji li kien ilhom jiġru bejnu u bejn l-konvenut biex jitfgħu dawl dwar l-imġieba u l-karattru tal-konvenut iżda ma sejjaħx lill-*barman* Sammut li kien l-unika persuna li kien preżenti u ra eżattament x'ġara dakinhar;

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[12] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova. Fil-każ ta' azzjoni għal ħtija extra-kuntrattwali jew akwiljana, l-parti attriċi trid tipprova kemm il-fatt (l-egħmil jew l-omissjoni) li bih tixli lill-parti mħarrka u kif ukoll li kien sewwasew dak il-fatt li kkawża l-ħsara mġarrba;

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (App. Inf**. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero` mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-

[12] Art. 562 tal-Kap 12.

passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant"[13];

Illi din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut għas-

[13] Frank Giordmaina Medici vs William Rizzo et, P.A, 28.04.2004.

sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament millallegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu talġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni talkonvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni[14];

[14] Ara b'eżempju Ramchand Kilumal noe vs. Jessie Blanco – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV.I.104. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), 24.09.2004

Illi meta l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, waslet għal-fehma l-attur ma rnexxilux jipprova dak li allega, kemm għaliex naqas li jressaq l-aħjar prova disponibbli, kif ukoll billi l-verżjoni tiegħu hija totalment differenti minn dik li ta l-konvenut li ġiet ikkorroborata minn żewġ xhieda okulari oħra;

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA